

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2010 — AB vs Il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża F-3/10)

(2010/C 100/100)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: AB (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tad-Delegazzjoni tal-KE f'Loas, tal-4 ta' Frar 2009, li biha r-rikorrent ġiet informat li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu bħala membru tal-persunal bil-kuntratt ma kienx ser jiġġedded u tad-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li tirrispondu għall-ilment.

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, sabiex ir-rikorrent jiġi integrat mill-ġdid fid-DĠ "Relazzjonijiet Esterni" jew fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li ser jiġi stabbilit b'effett mill-1 ta' April 2010;

— tikkundanna lill-konventua għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2010 — Garcia Lledo et vs UASI**

(Kawża F-7/10)

(2010/C 100/101)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Inès Garcia Lledo (Alicante, Spanja) u oħrajn (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, H.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

Konvenut: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-President tal-UASI li jtemm l-impjieg tar-rikorrenti bħala membri tal-persunal temporanju minħabba l-fatt li ma għaddewx minn kompetizzjoni ġenerali

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-President tal-UASI tat-12 ta' Marzu 2009 li jtemmu l-impjieg tar-rikorrenti bħala membri tal-persunal temporanju;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2010 — Gheysens vs Il-Kunsill**

(Kawża F-8/10)

(2010/C 100/102)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Johan Gheysens (Mechelen, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jiġix estiż il-kuntratt tar-rikorrent u, konsegwentement, li tintemm ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu mal-Kunsill.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni li ma jgħix estiż il-kuntratt tar-rikorrent wara t-30 ta' Settembru 2009 u r-rifjut li jittieħdu l-miżuri kollha bil-għan li tiġi rregolarizzata s-sitwazzjoni amministrattiva tar-rikorrent li ilu għal 16-il sena jeżerċita kompiti permanenti mal-istituzzjoni;

— jikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2010 — Hecq vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-10/10)

(2010/C 100/103)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* André Hecq (Chaumont-Gistoux, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropeja

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad talba ta' rimbors ta' 100 % ta' spejjeż mediċi diversi.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni impliċita li l-Awtorità tal-Ħatra hija preżunta li adottat fis-7 ta' April 2009, li tiċħad it-talba tar-rikorrent, tas-7 ta' Diċembru 2008, li biha huwa talab ir-rimbors kollu, skont l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, ta' tliet prestazzjonijiet ta' servizzi mediċi, jgħifieri konsulta ma' psikjatra, fis-6 ta' Ottubru 2008, prodotti mediċinali preskritti mill-istess psikjatra u mogħija lir-rikorrent fil-21 ta' Ottubru 2008 kif ukoll konsulta ma' tabib fl-1 ta' Diċembru 2008;

— sa fejn huwa neċessarju, jannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra fl-20 ta' Ottubru 2009, li biha inċaħad l-ilment tar-rikorrent magħmul fil-25 ta' Ġunju 2009, kontra l-imsemmija deċiżjoni impliċita tas-7 ta' April 2009;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

---